MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 338/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Concetta Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmija Concetta Attard talli t-Tlieta, 9 ta' Awissu 2005 ghall-habta tal-11.00 a.m., jew fil-granet precedenti sallum Jannar 2007 biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, il-kwerelata fixklet lill-kwerelanti fil-pussess ta' hwejjighom, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahlet fi hwejjeg haddiehor u dana billi abuzivament u klandestinament bidlu l-qafla u ghamlu *lock* gdid mal-bieb tal-fond ossia kantina sottostanti l-fond 20, Triq il-Majjistral, Birgu liema kantina ilha f'idejn il-kwerelanti u l-familja tal-kwerelanti ghal iktar minn tmenin sena bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-

Kapitolu 9 u dan l-istat ta' fatt ghadu jippersisti sal-gurnata tallum;

Il-Qorti giet mitluba li, ai termini ta' l-artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9, apparti l-piena, tordna t-tnehhija ta' l-inkonvenjent li bih sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li l-imsemmija Concetta Attard tikkonforma ruhha mal-ligi fi zmien bizzejjed ghal dan il-ghan, u f'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti, u jekk min jaghmel ir-reat jonqos li jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien stabbilit, ikun hati ta' reat u jehel meta jinsab hati ammenda ta' mhux inqas minn zewg liri u mhux izjed minn ghaxar liri ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija Concetta Attard hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u lliberatha minn tali imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imsemmija Concetta Attard hatja ta' l-imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti applikat b'mod zbaljat il-procedura kriminali meta hatret perit legali sabiex jisma' x-xhieda. Fir-relazzjoni pprezentata mill-perit legali Dott. Joseph M. Buttigieg jinghad li huwa kien gie nnominat sabiex jirrelata wara li jisma' l-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza. Din in-nomina pero` ma tirrizultax mill-verbal a fol. 2 li ma jispecifikax ir-rwol ta' dan il-perit. Skond l-appellant ghalhekk ir-relazzjoni hi nulla u bla effett. L-appellant izid jghid li l-

Qorti ma tistax tahtar perit legali biss biex jisma’ x-xhieda. Inoltre f’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm bzonn ta’ xi sengha jew hila specjali. L-appellant josserva wkoll illi skond l-artikolu 646 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ prim istanza ghandha tisma’ x-xhieda *viva voce* sabiex tkun tista’ tippronunzja s-sentenza wara valutazzjoni tal-provi skond l-artikoli 637, 638 u 639 tal-Kap. 9. Jirreferi ghal pronunzjamenti ta’ din il-Qorti fis-sens li n-nuqqas tal-gudikant li jisma’ l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal nuqqas li jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti se ticcita *in extenso* dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Helga D’Alessandro** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta’ Settembru 1999:

**“L-aggravju tal-appellanti jirriduci ruhhu, bazikament, ghal wiehed ta’ apprezzament ta’ provi. Pero` f’dan il-kaz hemm problema aktar *di fondo* li din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tissolleva *ex officio*, u cioe` li l-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta’ Jannar, 1999 <u>ma semghetx provi izda qaghdet fuq ir-rapport tal-“perit legali” Dott. Beppe Fenech Adami u fuq id-deposizzjonijiet minnu migbura</u>. Fi kliem iehor, hadd mix-xhieda ma ta x-xiehda tieghu quddiem il-gudikant li ppronunzja s-sentenza fil-21 ta’ Jannar ta’ din is-sena.**

**“Il-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta’ Jannar, 1999 kienet qorti ta’ prim istanza u mhux qorti ta’ appell. Il-procedura quddiem dik il-qorti kellha ssegwi dak indikat fl-Artikoli 374(*i*) u 375(*c*) tal-Kodici Kriminali, u cioe` li l-kawza titmexxa ‘fil-qosor u <u>bil-fomm</u>’ (‘*viva voce*’ fit-test ingliz) billi jinstema’ l-ufficjal prosekutur u l-provi tieghu; wara jinstema’ l-imputat jew l-avukat tieghu u l-provi tad-difiza; u finalment ikun hemm id-dritt ta’ replika u kontro-replika. Din il-procedura necessarjament tfisser li x-xhieda jinstemghu <u>mill-qorti</u>. L-Artikolu 646(1) (tal-imsemmi Kodici), li japplika wkoll ghall-Qorti tal-Magistrati, jipprovdi li, salv certi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal**

**dan il-kaz, u salv il-procedura fi stadju ta' appell, 'ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u *viva voce*'. L-ewwel qorti, izda, ma ghamlitx hekk; iddelegat is-smigh tax-xhieda lil 'perit legali'. Issa, perit ghandu jigi nominat biss meta 'ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali' (Art. 650, Kap. 9). Fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 1996, innominat 'fuq talba tal-partijiet', bhala 'perit legali' lill-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami 'bis-soliti fakoltajiet, inkluz li jaghmel [sic!] accessi u jisma' ix-xhieda bil-gurament u wara jirrelata bil-miktub lil din il-Qorti' (ara fol. 6 tal-atti).**

**"L-unika hila u sengha li kienet rikjesta mill-perit nominat kienet dik il-hila u sengha li kull gudikant hu prezunt li ghandu, u cioe` li jisma' l-provi, jaghmel il-valutazzjoni tieghu skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu. Ghalhekk f'dan il-kaz certament ma kienx hemm lok ghan-nomina ta' 'perit' biex jaghmel dak li l-ligi trid li jaghmel il-gudikant personalment. Dak li l-legislatur ma riedx li jsir mill-magistrat inkwirenti fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere* - ara t-tielet proviso tal-Art. 548 tal-Kap. 9 - *multo magis* ma jistax isir mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Hawnhekk m'ahniex fil-kamp civili fejn il-partijiet jistghu, sa certu punt, jaqblu fuq il-procedura li ghandha tigi segwita. Konsegwentement din il-Qorti ser tinjora wkoll il-verbal, registrat quddiemha fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 1999, fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha 'timxi fuq l-atti inkluzi r-relazzjoni ta' Dr. B. Fenech Adami'.**

**"In-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita`, sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-**

**konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. Biex ma tipprivax lill-appellanti mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti."**

Dak li ntqal f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz in ezami. Anzi f'dan il-kaz id-digriet tan-nomina ta' l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg fit-18 ta' Jannar 2007 lanqas ma ta direzzjonijiet izda ntqal biss li huwa kien qieghed jigi nominat bhala "perit legali". Mir-relazzjoni esebita mbaghad lanqas ma rrizulta li kien hemm il-htiega ta' access. Difatti l-perit legali espleta l-inkarigu tieghu kif indika fil-paragrafu tnejn (2) tar-relazzjoni, cioe` billi "jirrelata wara li jisma' l-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza." Jigifieri certament dan ma kienx kaz fejn kienet mehtiega "hila jew sengha specjali".

Ghal dawn il-motivi:

Din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti jigu minnufih mibghuta lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' l-provi mill-gdid u skond il-ligi, tiddeciedi dwar il-htija o meno ta' l-appellata Concetta Attard u, jekk ikun il-kaz, tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------